# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## Illum, il-Hamis 5 ta' Lulju, 2001

**Kawza Nru. 8.**
**Citazz. Nru. 906/00 JRM**

**Joseph u Maria konjugi DEGUARA**

**vs**

**Noel DEGUARA**

## Il-Qorti,

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressaq fil-11 ta' Mejju, 2000, li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi pprestaw servigi u servizzi u ghamlu diversi xoghlijiet ghal u lil Victoria Deguara ghal numru ta' snin;

Illi tali servigi kienu jikkonsistu, 'inter alia', da parti tal-attur Joseph Deguara fil-fatt illi huwa kien jiehu hsieb tal-imsemmija Victoria Deguara, li tigi ohtu, fl-affarijiet kollha li hija kien ikollha bzonn, b'mod generali, u b'mod partikolari kien jiehu hsiebha u jindokra fid-diversi okkazjonijiet meta hija giet derubata, attakkata u importunata, u, da parti tal-attrici Maria Deguara, fil-fatt illi hija

kienet regolarment tahsel il-hwejjeg tal-imsemmija defunta Victoria Deguara u ddur biha b'mod generali;

Illi l-konvenut huwa l-eredi universali tad-deceduta ommu Victoria Deguara;

Illi l-konvenut lanqas qatt kellem, inqas u inqas ha hsieb, ta' ommu Victoria Deguara, lanqas qatt ma zara lanqas meta din kienet rikoverata l-isptar fl-ahhar ta' hajjitha, u lanqas biss indenja ruhu jigi ghall-funeral taghha, liema funeral kien organizzat mill-attur Joseph Deguara illi ha hsieb ta' kollox hu;

Illi l-unika darba li l-konvenut ftakar li d-deceduta Victoria Deguara kienet ommu kien meta gie biex jiehu l-wirt;

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tal-kumpens dovut lill-atturi ghas-servizzi u servigi minnhom rezi lill-imsemmija defunta Victoria Deguara, u dan anke permezz ta' ittra ufficjali datata ta' 2 ta' Mejju, 2000, izda l-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-atturi rrendew servizzi, servigi u prestazzjonijiet lid-defunta Victoria Deguara;

2. Tillikwida l-kumpens dovut ghall-istess servizzi rezi mill-atturi lill-imsemmija defunta Victoria Deguara, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi dik is-somma ta' kumpens kif likwidata;

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Mejju, 2000, u tal-mandat ta' sekwestu kawtelatorju prezentat kontestwalment, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi;

Rat in-Nota tal-imharrek Noel Deguara mressqa fil-11 ta' Dicembru, 2000, li biha huwa eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-atturi ma pprestaw l-ebda servigji lid-defunta Victoria Deguara, stante li qabel l-ahhar marda taghha, hija kienet tghix dejjem ghal rasha fil-fond 48 gia 138, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha u kienet b'sahhitha u kienet tista' tiehu hsieb lilha nnifisha;

2. Illi l-atturi ma kienu jipprestaw l-ebda servigi lill-attrici tant li c-cavetta tal-fond tar-residenza taghha kienet f'idejn il-gar taghha, certu Raymond, waqt li x-xoghol ta' manutenzjoni fid-dar kien isir minn dan Raymond kunjomu mhux maghruf waqt li l-posta kienet tingabar mil-gar taghha iehor Emanuel Farrugia u dan meta ommu kienet tkun barra;

3. Illi l-atturi bl-ebda mod ma pprestaw servigi lil mejta Victoria Deguara imma b'mod frawdolenti, Joseph Deguara, l-attur, sarraf flus appartenenti lil Victoria Deguara ammontanti ghal Lm1308.30 circa liema ammont ta' cekkijiet issarfu minghajr prokura tal-imsemmija Victoria Deguara u dan kif jirrizulta mid-Dok. A, u B, hawn annessi;

4. Illi l-konvenuti huma debituri tal-attur fis-somma ta' Lm1308.30 ta' flus li huma sarfu appartenenti lil mejta Victoria Deguara mic-cekkijiet tal-pensjoni li hija kellha u dan kif jista' jigi pprovat minn rapprezentant tad-Direttur tas-Servizzji Socjali, liema rifuzjoni ta' flus qed tintalab b'kontra talba appozita ma' din ic-citazzjoni;

5. Illi mid-Dok. A jirrizulta li Joseph Deguara effettivament sarraf dawk ic-cekkijiet tal-mejta ommu ammontanti ghal Lm1308.30 pero minn informazzjoni li ghandu l-konvenut, l-ammont ta' cekkijiet imsarrfa u mehuda minn Joseph Deguara jammonta ghal Lm2500.00;

6. Illi fil-fatt, huma l-konvenuti li huma debituri tal-attur u mhux vice versa stante li huma qatt ma ppresetaw l-ebda servigi lil mejta Victoria Deguara, imma hadulha flusha tul iz-zmien li kienet rikoverata l-Isptar Boffa, oltre l-fatt li naqset ukoll kaxxa tad-deheb mir-residenza taghha;

7. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imharrek flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-imharrek Noel Deguara imressqa flimkien man-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu li biha ippremetta:

Illi l-mejta ommu Victoria Deguara mietet fis-26 ta' Novembru 1999 fl-isptar Boffa, Furjana, u halliet ab intestato bhala l-uniku eredi taghha lill-konvenut;

Illi jirrizulta illi xahar qabel il-mewt t'ommu u cioe' fis-26 ta' Ottubru 1999, l-attur Joseph Deguara b'mod abbuziv u illegali, sarraf cekkijiet dovuti lil ommu ammontanti ghal Lm1308.30 u dan kif jirrizulta mir-rapprezentant tas-Servizzji Socjali;

Illi dawn il-flus appartenenti lil eredita' tal-mejta ommu Victoria Deguara ma gewx rifuzi mill-atturi lill-konvenut minkejja li gew diversi drabi mitluba biex jaghmlu dan, pero' baqghu inadempjenti;

Ghalhekk il-konvenut talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati jirrifondu lill-konvenut rikonvenzjonat is-somma ta' Lm1308.30 oltre l-imghax legali mis-26 ta' Novembru 1999 ta' flus imsarrfa mill-attur Joseph Deguara b'mod abbuziv u illegali minghajr l-awtorizzazzjoni necessarja tal-mejta ommu Victoria Deguara rapprezentanti l-pensjoni tal-istess mejta Victoria Deguara liema flus qatt ma gew moghtija lilha;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-atturi rikonvenzjonati ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imharrek rikonvenjent;

Rat in-Nota tal-atturi rikonvenuti mressqa fis-26 ta' Dicembru, 2000, li biha huma eccepew:

1. Preliminarjament, in-nullita' tal-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant stante illi dawn mhumiex konnessi mat-talbiet attrici bil-mod u sal-grad illi trid il ligi;

2. Fil-mertu, il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghadha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut rikonvenzjonant stante illi mhuwiex minnu illi l-attur rikonvenzjonat Joseph Deguara sarraf cekkijiet appartenenti lid-defunta ohtu Victoria Deguara b'mod abbuziv u illegali, izda ghall-kuntrarju kien isarraf tali cekkijiet bis-sahha ta' prokuri validi rilaxxjati mill-istess defunta Victoria Deguara a favur tal-attur rikonvenzjonat Joseph Deguara (vide Doks. 'A u B'), u dan kif se jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u l-istess attur rikonvenzjonat Joseph Deguara dejjem ghadda u ta lid-defunta Victoria Deguara l-flus minnu msarrfa;

3. Illi fid-dikjarazzjoni tieghu, kemm dik formanti parti min-nota tal-eccezzjonijiet u kif ukoll dik formanti parti mill-kontro-talba, il-konvenut rikonvenzjonant jaghmel insinwazzjonijiet u jivventila allegazzjonijiet intizi sabiex jaghtu malfama lill-atturi rikonvenzjonati li minn issa qeghdin jirriservaw kull dritt

lilhom spettati skond il-ligi sabiex jipprocedu kontra l-istess konvenut rikonvenzjonant bl-appozita kawza ghad-danni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi rikonvenuti, flimkien maz-zewg (2) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat id-Degriet taghha tat-28 ta' Marzu, 2001 [pagna 28] li bih, fuq talba tal-avukat tal-atturi, tat lill-istess atturi zmien sabiex jittrattaw, bil-mezz ta' Nota ta' Sottomissjonijiet, l-ewwel eccezzjoni taghhom ghall-kontro-talba tal-imharrek, u jigifieri dwar in-nullita' tal-istess kontro-talba;

Rat illi, sallum, l-atturi naqsu li jaghmlu sottomissjonijiet dwar dik l-ewwel eccezzjoni;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imharrek fis-27 t'April, 2001, [pagni 30 sa 32] biex jirribatti l-eccezzjoni mressqa mill-atturi;

Rat il-verbal tas-smigh tat-22 ta' Mejju, 2001, li bih l-avukat tal-imharrek talab lill-Qorti tiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-atturi dwar il-kontro-talba;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-Degriet taghha tat-22 ta' Mejju, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghal decizjoni dwar l-eccezzjoni tal-atturi rikonvenuti dwar in-nullita' tal-kontro-talba tal-imharrek;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-atturi harrku lill-konvenut, bhala werriet universali wahdien ta' Victoria Deguara, biex ihallashom ghas-servigi li huma jippretendu li jisthoqqilhom tali daru bl-imsemmija Victoria Deguara, li kienet omm l-istess imharrek u oht l-attur. Min-naha tieghu, l-imharrek qieghed iressaq kontro-talba kontra l-atturi biex

iroddu flus li jixlihom li hadu ghalihom mill-pensjoni li kienet intitolata ghaliha ommu Victoria Deguara fiz-zmien li kienet ghadha hajja;

Illi l-atturi jsostnu l-ewwel eccezzjoni taghhom ghall-kontro-talba tal-imharrek ghar-raguni "illi dawn mhumiex konnessi mat-talbiet attrici bil-mod u sal-grad illi trid il-ligi" [pagna 21]. Izda, kif inghad izjed 'il fuq, ma jaghmlu l-ebda riferenza jew sottomissjoni ohra biex jispjegaw ghaliex it-talba rikonvenzjonali m'hijiex marbuta mat-talbiet taghhom;

Illi l-ligi tal-procedura thalli lill-imharrek li jressaq kontro-talba kontra attur jekk kemm-il darba din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur f'xi wahda mill-kazijiet hemm imsemmija: u jigifieri, jew (a) meta din tkun imnissla mill-istess fatt, mill-istess kuntratt jew mill-istess titolu li minnhom tkun gejja t-talba attrici; jew (b) l-ghan tal-kontro-talba jkun dak li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur jew b'kull mod iehor, li jgib fix-xejn l-azzjoni tal-atturi jew iwaqqaf l-effetti taghha [art. 396 tal-Kap 12];

Illi, fit-taghlim tal-awturi u tal-ghadd kbir ta' sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, il-htiega ta' dan l-istitut tar- Rikonvenzjoni hija msejsa b'mod ewlieni fuq l-ekonomija tal-gudizzji, u kien ghalhekk kemm it-talba tal-attur u l-kontro-talba tal-imharrek jinstemghu f'gudizju wiehed [art. 397];

Illi huwa ghalhekk ukoll li l-ligi trid li min iressaq il-kontro-talba ghandu jaghmel dan fl-istess kwalita' li fiha gie mharrek, u jrid jaghmilha kontra l-attur fil-kwalita' li dan kien harrku [art. 400];

Illi l-gabra ta' sentenzi msemmija mill-imharrek fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu tolqot il-principji l-izjed saljenti dwar ic-cirkostanzi li fihom wiehed jista' jressaq kontro-talba;

Illi wiehed irid jara jekk, fil-kaz presenti, dawn ic-cirkostanzi jinstabux. Dan irid isir fl-istadju li tinsab fih il-kawza, b'esami tal-atti processwali u dak li johrog minnhom, u minghajr ma jinghata b'daqshekk 'l wiehed x'jifhem li l- Qorti qeghda

tippronuncja ruhha dwar il-validita' fil-mertu tat-talba jew tal-kontro-talba;

Illi l-Qorti, wara li rat sewwa l-atti tal-kaz, issib li dawn ir-rekwiziti jesistu: b'mod partikolari ghaliex, il-qafas tar-relazzjoni (kwazi kuntrattwali) bejn l-atturi u l-mejta Victoria Deguara li dwarha fethu l-kawza huwa l-istess wiehed li l-imharrek qieghed isejjes il-kontro-talba tieghu dwarha. Dan kollu jikkostitwixxi, fil-fehma tal-Qorti, l-identita' tal-fatt mitlub mil-ligi u li minnu jinstiltu kemm l-azzjoni tal-atturi u kif ukoll il-kontro-talba tal-imharrek;

Illi, minbarra dan, hemm ir-rabta bejn dak li jista' jkun is-success tal-atturi jekk il-kawza taghhom tirnexxi (jigifieri, li jinghataw kumpens mill-wirt ta' Victoria Deguara) u dak li l-imharrek (bhala werriet wahdien tal-istess Victoria Deguara) jikseb jekk it-talba rikonvenzjonali tieghu tintlaqa' wkoll. Izjed minn hekk, wiehed ma jridx iwarrab minn quddiem ghajnejh il-fatt li l-imharrek qieghed jirrappresenta, kemm fit-talba u kif ukoll fil-kontro-talba, lill-wirt ta' Victoria Deguara;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-atturi ghall-kontro-talba tal-imharrek billi:

**Tichad l-istess eccezzjoni tan-nullita' tal-kontro-talba** bl-ispejjez kontra l-atturi u **tilqa' l-istess kontro-talba** bhala ammissibbli skond il-ligi; u

Tordna li l-kawza tissokta bis-smigh tal-provi tal-partijiet fil-mertu.

## Moqrija

*5 ta' Lulju, 2001.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**5 ta' Lulju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Lulju, 2001.**